MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH R. MICALLEF**

Seduta tat-22 ta' Jannar, 2009

Numru 21/2007

**Ir-Repubbblika ta' Malta**

**v.**

**Murad G M Erhuma**

Il-Qorti:

Rat l-Att ta' Akkuza migjub fil-Qorti Kriminali mill-Avukat Generali fid-9 ta' Marzu 2007 kontra Murad G. M. Erhuma li permezz tieghu l-istess Avukat Generali akkuza lill-

imsemmi Murad G. M. Erhuma talli (1) assocja ruhu ma' xi persuna jew persuni ohra f'Malta jew barra minn Malta sabiex ibigh jew jittraffika medicina f'Malta (raza mehuda mill-pjanta cannabis) kontra l-ligi, jew ippromwova, ikkostitwixxa, organizza jew iffinanzja din l-assocjazzjoni; (2) importa jew gab Malta, jew esporta minnha, raza mehuda mill-pjanta cannabis; u (3) assocja ruhu ma' xi persuna jew persuni ohra f'Malta jew barra minn Malta sabiex ibigh jew jittraffika medicina f'Malta (eroina) kontra l-ligi, jew ippromwova, ikkostitwixxa, organizza jew iffinanzja din l-assocjazzjoni;

Rat is-sentenza tal-Qorti Kriminali tat-28 ta' Frar 2008 li permezz taghha dik il-Qorti, wara li rat il-verdett tal-gurati li bih b'seba' (7) voti favur u zewg (2) voti kontra sabu lill-appellant (allura akkuzat) Murad G. M. Erhuma mhux hati skond l-ewwel u t-tieni kapi ta' l-Att ta' Akkuza u b'sitt (6) voti favur u tliet (3) voti kontra sabuh hati tat-tielet kap ta' l-Att ta' Akkuza, iddikjaratu hati talli f'Dicembru 2003 u fil-gimghat ta' qabel, assocja ruhu ma' xi persuna jew persuni ohra f'Malta jew barra minn Malta sabiex ibiegh jew jittraffika medicina f'Malta (eroina) kontra d-disposizzjonijiet ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, jew ippromwova, ikkostitwixxa, organizza jew iffinanzja din l-assocjazzjoni skond it-tielet kap tal-Att tal-Akkuza, kif ukoll iddikjaratu mhux hati ta' l-ewwel u tat-tieni kapi ta' l-Att tal-Akkuza w minnhom illiberatu;

Rat illi bl-istess sentenza l-ewwel Qorti, wara li rat l-artikoli 2, 9, 10(1), 12, 22(1)(a)(f)(1A)(1B)(2)(a)(i)(aa)(bb), (3A)(a)(b)(c)(d) u 26 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101) u l-Artikoli 23 u 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, ikkundannat lill-appellant (allura akkuzat) Murad G. M. Erhuma ghall-piena ta' tmin (8) snin prigunerija, b'dana li minn dan il-perijodu jrid jinqata' kull zmien li hu ghamel taht arrest preventiv BISS in konnessjoni ma dawn ir-reati kif ukoll li jhallas multa ta' tmintax-il elf euro (€18,000) u, jekk din il-multa ma tithallasx minnufih, tigi awtomatikament konvertita fi tnax-il (12) xahar prigunerija ohra skond il-ligi, kif ukoll li jhallas is-somma ta' elf, mitejn u tnejn u sittin euro u erbgha u ghoxrin centezmi (€1262.24), import tal-ispejjez tal-perizji

nkorsi tul il-process ta’ l-appellant a tenur ta’ l-artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta. L-ewwel Qorti ordnat ukoll il-konfiska favur il-Gvern ta’ Malta ta’ l-oggetti kollha li dwarhom sar ir-reat u l-konfiska favur il-Gvern ta’ Malta ta’ kull flejjes jew proprjeta` mobbli w immobbli ohra tieghu, kif ukoll ordnat id-distruzzjoni ta’ l-istess droga esebita a kura tad-Deputat Registratur ta’ dik il-Qorti bl-assistenza tal-Ispizjar Mario Mifsud, hlief jekk, fi zmien hmistax il-jum mid-data tas-sentenza appellata, l-Avukat Generali b’nota ma jinfurmax lil dik il-Qorti li ghandu bzonn li din id-droga tigi prezervata ghal skop ta’ xi proceduri ohra kontra terzi, u b’dan li l-istess Deputat Registratur ghandu jirrapporta b’verbal lil dik il-Qorti meta din id-droga tkun giet hekk distrutta. Fl-ahharnett l-ewwel Qorti ordnat li jekk l-ispejjez tal-perizji ma jithallsux fi zmien hmistax il-jum mid-data tas-sentenza, dawn jigu konvertiti f’terminu ta’ prigunerija skond il-ligi;

Rat illi l-ewwel Qorti waslet ghal din id-decizjoni wara li rat il-fedina penali aggornata ta’ l-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti u ezaminata mid-difiza, u wara li qieset is-sottomissjonijiet tal-prosekuzzjoni u tad-difiza dwar il-piena li jinsabu kollha registrati. Is-sentenza tkompli hekk:

“L-abbli difensur Dr. Joseph Mifsud issottometta li:-

“Il-hati kellu ragun jikkontesta l-Att tal-Akkuza ghax fil-fatt instab hati taht it-tielet kap biss.
“Li l-verdett ta’ htija fuq it-tielet kap kien dak minimu permess mil-ligi.
“Li l-ammont ta’ droga involut kien biss ta’ 38.095 gramma eroina li l-purita` tieghu kienet ta’ 40%.
“Li skond ix-xhud Erayani ma jidhirx li l-hati kien il-*“master mind”* ta’ din l-assocjazzjoni ghaliex l-iktar li semma’ kien lil Fausi u lil Muammar.
“Li qabel dan ir-reat il-hati qatt ma kien kiser difrejh mal-ligi hawn Malta u li kien biss wara li gie mizmum il-habs li minhabba d-disperazzjoni kien harab mill-habs, pero` ta’ dan ir-reat kien diga` hallas b’terminu ta’ prigunerija.

“L-abbli prosekutur Dr. Anthony Barbara invece ssottometta li :-

“Dina kienet assocjazzjoni biex tingab id-droga Malta u kulhadd jaf xi hsara kienet qed taghmel id-droga fis-socjeta` Maltija.
“Illi l-valur tad-droga ma kienx wiehed zghir ghaliex skond l-espert Spizjar Mifsud kien ta’ Lm1,142.85c.
“Li fil-kaz t’assocjazzjoni kulhadd ikollu r-responsabilita` ghal dak li jkun qed isir, u dan ir-reat hu wiehed gravi.
“Il-hati gie misjub hati li harab mill-habs sia pure wara l-kommissjoni ta’ dan ir-reat.

“Ikkonsidrat

“Qieset li skond il-proviso ta’ l-artikolu 22(2)(a)(i)(aa)(bb) tal-Kap.101, meta l-Qorti tkun tal-fehma li meta tqis l-eta` tal-hati, il-kondotta ta’ qabel tal-hati, il-kwantita` tal-medicina u x-xorta u l-kwantita` tat-taghmir jew materjal, jekk ikun il-kaz, involuti fir-reat u c-cirkostanzi l-ohra kollha tar-reat, jew meta l-verdett tal-guri ma jkunx unanimu, il-piena ta’ prigunerija ghall-ghomor ma tkunx dik xierqa, f’kazijiet bhal dawn il-Qorti tista’ tikkundanna lill-persuna misjuba hatja ghall-prigunerija ghal zmien ta’ mhux inqas minn erba’ snin izda mhux izjed minn tletin sena u multa ta’ mhux inqas minn elfejn, tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (€2329.37c) ekwivalenti ghal elf lira Maltin, izda mhux izjed minn mija u sittax-il elf, erba’ mija u tmienja u sittin euro u sebgha u sittin centezmu (€116,468.67c) ekwivalenti ghal hamsin elf lira Maltin;

“Qieset ukoll il-kondotta tal-hati kif ukoll iz-zmien li hu lahaq ghamel taht arrest preventiv in konnessjoni ma dawn l-akkuzi;

“Qieset finalment il-piena li nghatat minn din il-Qorti f’kazijiet analogi recentement biex ikun jista’ jinzamm certu proporzjon u relativita` fil-piena ghal dak li jirrigwarda l-gravita` tar-reat, in kwantu l-kwantita` u purita` tad-droga, ir-recidivita` o meno, il-fedina penali, meta ma jkunx hemm ammissjoni bikrija, u b’mod specjali

meta jkun jew ma jkunx applikabbli l-artikolu 29 tal-Kap. 101, kif inhu f'dal-kaz u dana bil-ghan li jkun hemm certa uniformita` f'sentenzi li jirrigwardaw din il-materja;

"F'dan il-kaz il-Qorti qieset b'mod partikolari l-piena erogata fil-konfront tax-xhud tal-prosekuzzjoni Omar Erayani ghall-importazzjoni tal-istess partita eroina b'dana pero` li dan ibbenefika mill-fatt li ghamel ammissjoni bikrija u kien applikabbli fil-kaz tieghu l-artikolu 29 tal-Kap 101 u ghalhekk il-piena li tmiss lill-hati trid bil-fors tkun oghla minn dik erogata fil-kaz ta' Erayani."

Rat ir-rikors ta' appell ta' l-imsemmi Murad G. M. Erhuma pprezentat fil-11 ta' Marzu 2008 fejn talab li din il-Qorti tikkonferma l-verdett u sentenza tal-Qorti Kriminali ta' liberazzjoni dwar l-ewwel u t-tieni kapi ta' l-Att ta' Akkuza, thassar il-verdett ta' sejbien ta' htija mill-gurati fir-rigward tat-tielet kap ta' l-Att ta' Akkuza u konsegwentement tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha in kwantu ma giex misjub hati ta' l-ewwel u tat-tieni kapi ta' l-Att ta' Akkuza li minnhom gie liberat u thassarha fil-kumplament u ghalhekk tordna li jigu registrati sentenza u verdett ta' liberazzjoni fir-rigward tat-tielet kap ta' l-Att ta' Akkuza, u fin-nuqqas li taghti piena, inkluz dwar il-hlas tal-perizji, li tkun taghmel aktar ghall-kaz;

Rat l-atti l-ohra tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni;

Ikkunsidrat:

L-aggravji ta' l-appellant huma bazikament is-segwenti: (1) il-gurati ma kellhomx elementi bizzejjed fil-grad li tesigi l-ligi biex dawn setghu jsibuh hati taht it-tielet kap ta' l-Att ta' Akkuza; (2) il-piena ta' tmien snin prigunerija u l-multa ta' tmintax-il elf euro (€18,000) konvertibbli f'sena prigunerija f'kaz li ma tithallasx minnufih u nflitta fuqu hija wahda eccessiva ferm; (3) l-ammont ta' elf, mitejn u tnejn u sittin euro u erbgha u ghoxrin centezmu (€1,262.24)

import ta’ spejjez tal-perizji inkorsi tul il-process tieghu hu wiehed eccessiv.

L-ewwel aggravju jirrikjedi apprezzament mill-gdid tal-provi. Issa, din il-Qorti hi Qorti ta’ revizjoni u, in ezekuzzjoni ta’ din il-funzjoni taghha, hi ezaminat dettaljatament l-atti processwali, inkluzi d-deposizzjonijiet tax-xhieda mismugha mill-Qorti Istruttorja u d-dokumenti esibiti, u dan biex tara jekk a bazi tal-provi li kien hemm f’dawn il-proceduri, il-gurati, ben indirizzati mill-Imhallef (fil-fatt ma ngab l-ebda aggravju dwar l-indirizz) setghux legalment u ragjonevolment jaslu ghall-konkluzjoni li fil-fatt waslu ghaliha dwar il-htija ta’ l-appellant fir-rigward ta’ l-akkuza migjuba kontra tieghu taht it-tielet kap ta’ l-att ta’ akkuza skond il-verdett minnhom moghti. Anke jekk mill-apprezzament tal-provi li taghmel din il-Qorti - u dan ghall-grazzja ta' l-argument biss u xejn iktar - hi tasal ghal xi konkluzjoni diversa minn dik milhuqa mill-gurati, hi ma tiddisturbax dik id-diskrezzjoni ezercitata mill-gurati fl-apprezzament tal-provi u tirrimpjazzaha b’taghha kemm-il darba jkun evidenti ghaliha li l-gurati ma kinux ghamlu apprezzament manifestament hazin tal-provi, u setghu, ghalhekk, legalment u ragjonevolment, jaslu ghall-konkluzjoni li jkunu waslu ghaliha in bazi tal-provi li kellhom quddiemhom. Effettivament, kif dejjem inghad, din il-Qorti ma tinvadix it-territorju li l-ligi tirrizerva ghall-gurati hlief meta l-verdett minnhom milhuq ikun manifestament zbaljat fis-sens li ebda gurija ma setghet legalment jew ragjonevolment tasal ghalih. Jigifieri jrid ikun in kontradizzjoni manifesta ghal dak kollu li jirrizulta mill-process b’mod illi ma hemmx mod iehor hlief li l-verdett milhuq jigi eskluz bhala infondat[1].

---

[1] Ara, fost ohrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: **Ir-Repubblika ta’ Malta v. Rida Salem Suleiman Shoaib**, 15 ta’ Jannar 2009; **Ir-Repubblika ta’ Malta v. Paul Hili**, 19 ta’ Gunju 2008; **Ir-Repubblika ta’ Malta v. Etienne Carter**, 14 ta’ Dicembru 2004 **Ir-Repubblika ta’ Malta v. Domenic Briffa**, 16 ta’ Ottubru 2003; **Ir-Repubblika ta’ Malta v. Godfrey Lopez** u **r-Repubblika ta’ Malta v. Eleno sive Lino Bezzina** 24 ta’ April 2003, **Ir-Repubblika ta’ Malta v. Lawrence Asciak sive Axiak** 23 ta’ Jannar 2003, **Ir-Repubblika ta’ Malta v. Mustafa Ali Larbed**, 5 ta’ Lulju 2002; **Ir-Repubblika ta’ Malta v. Thomas sive Tommy Baldacchino**, 7 ta’ Marzu 2000, **Ir-Repubblika ta’ Malta v. Ivan Gatt**, 1 ta’ Dicembru 1994; u **Ir-Repubblika ta’ Malta v. George Azzopardi**, 14 ta’ Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: **Il-Pulizija v. Andrew George Stone**, 12 ta’ Mejju 2004, **Il-Pulizija v. Anthony Bartolo**, 6 ta’ Mejju 2004; **Il-Pulizija v. Maurice Saliba**, 30 ta’ April 2004; **Il-Pulizija v. Saviour Cutajar**, 30 ta’ Marzu 2004; **Il-Pulizija v. Seifeddine Mohamed Marshan et**, 21 ta’ Ottubru

F'**Blackstone's Criminal Practice 2001** naqraw ukoll (para. D22.15 pagna 1622):

**"The case of *Cooper* [1969] 1 QB 267 continues to provide guidance on how the word 'unsafe' should be interpreted in determining a criminal appeal. In that case, Lord Widgery CJ explained that if the overall feel of a case left the court with a 'lurking doubt' as to whether an injustice may have been done, then a conviction will be quashed, notwithstanding that the trial was error-free. Lord Widgery said (at p. 271 C-G):**

**'[This is] a case in which every issue was before the jury and in which the jury was properly instructed, and, accordingly, a case in which this court will be very reluctant indeed to intervene. It has been said over and over again throughout the years that this court must recognise the advantage which a jury has in seeing and hearing the witnesses, and if all the material was before the jury and the summing-up was impeccable, this court should not lightly interfere. Indeed, until the passing of the Criminal Appeal Act 1966 [which somewhat widened the court's powers to quash a conviction] it was almost unheard of for this court to interfere in such a case.**

**However, now our powers are somewhat different, and we are indeed charged to allow an appeal against conviction if we think that the verdict of the jury should be set aside on the ground that under all the circumstances of the case it is unsafe or unsatisfactory. That means that in cases of this kind the court must in the end ask itself a subjective question, whether we are content to let the matter stand as it is, or whether there is not some lurking doubt in our minds which makes us wonder whether an injustice has been done. This is a reaction which may not be based strictly on the evidence as such; it**

---

1996; **Il-Pulizija v. Raymond Psaila et**, 12 ta' Mejju 1994; **Il-Pulizija v. Simon Paris**, 15 ta' Lulju 1996; **Il-Pulizija v. Carmel sive Chalmer Pace**, 31 ta' Mejju 1991; **Il-Pulizija v. Anthony Zammit**, 31 ta' Mejju 1991.

**is a reaction which can be produced by the general feel of the case as the court experiences it'."**

Fis-sentenza moghtija mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs Ivan Gatt** fl-1 ta' Dicembru 1994, intqal hekk:

**"Fi kliem iehor, l-ezercizzju ta' din il-Qorti fil-kaz prezenti u f'kull kaz iehor fejn l-appell ikun bazat fuq apprezzament tal-provi, huwa li tezamina l-provi dedotti f'dan il-kaz, tara jekk, anki jekk kien hemm versjonijiet kontradittorji - kif normalment ikun hemm - xi wahda minnhom setghetx liberament u serenament tigi emmnuta minghajr ma jigi vjolat il-principju li d-dubju ghandu jmur favur l-akkuzat, u jekk tali versjoni setghet tigi emmnuta w evidentement giet emmnuta, il-funzjoni, anzi d-dover ta' din il-Qorti huwa li tirrispetta dik id-diskrezzjoni u dak l-apprezzament."**

F'dan il-kaz l-appellant jaghmel is-segwenti sottomissjonijiet in sostenn ta' l-aggravju tieghu li ma kienx hemm provi bizzejjed fil-grad li trid il-ligi biex gurija ragonevoli setghet tasal ghal konkluzjoni ta' htija oltre d-dubbju ragonevoli dwar l-imsemmi tielet kap:

"Illi l-prova dwar jekk l-akkuzat giex ippruvat li hu hati jew le iddur biss fuq il-kredibilita` tax-xhud tal-prosekuzzjoni Erayani li jidher li kien lahaq ftehim mal-prosekuzzjoni dwar il-piena fil-kaz tieghu.

"Illi hu veru li skond il-ligi taghna, fuq ix-xiehda ta' xhud wiehed biss, jekk emmnut, hu bizzejjed biex gudikant jista' jkun konvint minghajr ebda dubbju dettat mir-raguni dwar il-htija ta' akkuzat. Imma biex gudikant ikun jista' jasal ghal konkluzjoni bhal din irid fl-ewwel lok jemmen lil dak ix-xhud u fit-tieni lok tali xiehda ggib fih il-konvinciment dwar il-htija tal-akkuzat minghajr ebda dubbju dettat mir-raguni. Oltre dan, f'kaz bhal dan, fejn l-uniku xhud kontra l-akkuzat, li hu fi kliemu stess ikun komplici mieghu, u meta jkun jidher illi l-istess xhud ikun ta verzjonijiet differenti f'okkazjonijiet differenti, il-gudizzju jrid isir b'aktar reqqa u

kawteli minn f'kazi ohra u dan specjalment meta l-gudikanti tal-fatt ikunu gurati popolari u dan kif tesigi l-istess ligi. U dan aktar u aktar meta dan ix-xhud ikollu interess partikolari fil-kaz ta' akkuzat li jixhed kontrih.

"Illi jekk wiehed jezamina bir-reqqa d-dikjarazzjonijiet kollha li ghamel Erayani (fid-dwana, fil-Kwartieri Generali tal-Pulizija, ma' l-Ispettur Ciappara u fil-Qorti tal-Magistrati u fil-Qorti Kriminali fil-process ta' l-esponent) u dawn jigu mqabbla ma' xulxin u mac-cirkostanzi tal-kaz, wiehed jista' facilment jasal ghal konkluzjoni illi dan gideb aktar minn darba u allura fih innifsu mhux kredibbli. Oltre dan, Erayani kellu kull interess li jindika lil xi hadd, f'dan il-kaz lill-esponent, bhala wahda mill-persuni li kellha x'taqsam mad-droga li hu kien dahhal f'Malta ghax dan kien l-uniku mod kif seta' jibbenefika minn tnaqqis ta' piena fil-kaz tieghu u kif fil-fatt gara. L-interess ta' Erayani f'dan il-kaz mhux wiehed teoriku imma wiehed mill-aktar fattwali.

"Illi *a tempo vergine* Erayani kien qal lill-Pulizija illi d-droga li kien qed igorr kien qed igorrha fuq talba ta' certu Haled u ta d-dettalji kif ghamel u kif m'ghamilx biex minflok ma bela' l-kapsoli kkonsenjati lilu dawn ghamilhom taht in-*knee cap*.

"Illi waqt il-guri ta' l-esponent, Erayani cahad kategorikament illi lill-Pulizija kien semmielhom lil Haled u dak kollu li gara f'dak li ghandu x'jaqsam Haled. Mill-banda l-ohra, l-interpretu waqt l-istqarrija bil-miktub tieghu, l-ex-Spettur tal-Pulizija Nadia Lanzon, halfet li dak li hemm fl-istqarrija ta' Erayani hu dak preciz illi Erayani kien qal fil-lingwa Gharbija lill-Ispettur. Hemm xi raguni ghaliex wiehed ghandu jiddubita dak li xehdet dwaru l-ex-Spettur Lanzon? U jekk wiehed jemmen lil Lanzon ma jfissirx li Erayani gideb bil-gurament waqt il-guri ta' l-esponent? U jekk wiehed jigdeb bil-gurament, xi kredibilita` jista' jigi moghti?

"Illi Erayani kien qal lill-Pulizija li hu kellu jmur fic-Charlie Hotel. Lill-Pulizija Erayani tahom ukoll numru ta' telefon cellulari. Meta l-Pulizija ghamlu l-verifiki taghhom dawn sabu illi l-Hotel kienet maghluqa u li t-telefon cellulari bin-

numru li kien tahom Erayani kien skonnettjat. Allura kif Erayani kien ser isib lil min skond hu kellu jaghti d-droga? F'dawn iz-zewg allegazzjonijiet li Erayani ghamel lill-Pulizija mhux talli Erayani mhu korroborat minn xejn izda talli wkoll mhux imsahhah mic-cirkostanzi.

"Illi fuq Erayani instabu biss Lm20 u skond hu stess minn Malta dan kien ser jibqa' sejjer it-Turkija. Allura kif dan kien ser jaghmel biex l-ewwel joqghod f'Malta u wara jmur fit-Turkija? Dan jaghmel sens? Dan ghandu mis-sewwa? Jew Erayani kien ser jithallas f'Malta? U li allura jwassal illi d-droga li kellu kienet tieghu u tieghu biss u li ghalhekk mhux veru li hu kien *courier* ghal haddiehor?

"Illi fl-istqarrija lill-Pulizija Erayani qal li Haled ma kien weghdu xejn. Dan jaghmel sens? Wara qal li kien gie mwieghed 3000 dinar Libjan. Liema minn dawn iz-zewg dikjarazzjonijiet hi l-verita` jekk fil-fatt xi wahda minnhom hi l-verita`?

"Illi d-dikjarazzjonijiet ta' Erayani u c-cirkostanzi marbuta ma' dawn id-dikjarazzjonijiet juru illi d-droga li Erayani kellu fuqu kienet tieghu, kien jaf preciz ghal min kienet u li ghal min din kienet kellu jhallsu meta jikkonsenjalu l-istess droga.

"Illi f'dawn ic-cirkostanzi xi hadd jista' ragonevolment jasal ghal konkluzjoni illi Erayani hu kredibbli?

"Illi meta Erayani tkellem ma' l-Ispettur Ciappara wara li kien gie mressaq fil-Qorti dan qal lill-Ispettur illi d-droga kienu tawhileu certu Murad maghruf bhala l-Geoffrey u certu Fawzi.

"Illi waqt ix-xiehda tieghu fil-kumpilazzjoni tal-esponent Erayani semma ghall-ewwel darba zewg ismijiet ohra, dak ta' Hessejn u Uamar.

"Illi meta Erayani semma lil haddiehor ghamel dan bl-ewwel isem biss – Haled, Fawzi, Maumar, Hessejn – hlief fil-kaz ta' l-esponent li kkwalifikah bhala li jghidulu 'il-

Geoffrey’, dettal illi mix-xiehda rrizulta li ma japplikax ghall-esponent.

“Illi hu possibbli li l-persuni li nnegozja maghhom biex igorrilhom id-droga mil-Libja ghal Malta lanqas biss jaf x’inhu kunjomhom? Dan wara kollox qal illi ma’ dawn in-nies, jew almenu ma’ uhud, iltaqa’ kemm-il darba.

“Illi fir-rigward ta’ l-esponent, Erayani hu kontradett kemm minn xhud tal-prosekuzzjoni, El Kayal, u kif ukoll mill-esponent stess ghal dak li ghandu x’jaqsam ma’ kif hu kien maghruf l-esponent u cioe` illi lilu kulhadd jaf b’ismu u kunjomu proprju u cioe` ‘Murad Erhuma’.

“Illi fil-fatt Erayani mhu msahhah mill-ebda xhud jew cirkostanza ta’ dak li qal fil-konfront ta’ l-esponent. Anzi hu kontradett kemm mic-cirkostanzi, kemm mix-xhieda tal-prosekuzzjoni u kif ukoll mill-esponent stess.

“Ili hawnhekk johorgu wahedhom zewg mistoqsijiet. Erayani hu kredibbli? Fuq ix-xiehda ta’ Erayani biss, li fi kliemu stess hu komplici u li kellu interess personali fl-akkuza tieghu kontra l-esponent ghax kien ser jiggwadanja kif fil-fatt ghamel, jista’ wiehed jasal biex jikkundanna lill-esponent f’delitt serju bhal dan? Jista’ jinghad illi kundanna fuq ix-xiehda ta’ Erayani hi wahda *safe and sound* [*recte: satisfactory*]?

“Illi anke jekk ghall-grazzja ta’ l-argument, wara li wiehed jezamina dak kollu li qal Erayani fid-dawl tar-regoli tal-ligi dwar il-kredibilita`, wiehed kellu jasal ghal konkluzjoni, fl-umli opinjoni ta’ l-esponent irragonevoli, li Erayani hu kredibbli, hemm xi haga fil-provi, ghajr ix-xiehda ta’ l-istess Erayani, li l-esponent mhux almenu daqstant kredibbli? Ghax jekk Erayani hu kredibbli u l-kredibilita` ta’ l-esponent tigi mkejla bl-istess qies u mhux bil-lastku, allura l-esponent hu ragonevolment arci-kredibbli. U dan ghax appuntu f’dak kollu li qal l-esponent mhu kontradett f’xejn u dan la mic-cirkostanzi u wisq anqas mix-xhieda la tieghu stess u lanqas minn dawk tal-prosekuzzjoni, hlief appuntu dik ta’ l-istess Erayani li kellu kull interess li jigdeb fuqu biex ikun jista’ jibbenefika mill-art. 29 tal-Kap.

101 kif fil-fatt ghamel. Anzi f'dettal importanti hafna, u cioe` dwar kif kien maghruf l-esponent, l-istess esponent hu msahhah mix-xhud tal-prosekuzzjoni El Kayal filwaqt li Erayani hu kontradett.

"Illi c-cirkostanzi ta' dan il-kaz juru illi dak li l-Ispettur kien qal lil Erayani, 'Ghini biex nghinek', gie wzat minn Erayani a favur tieghu meta l-esponent, li nzerta li ghandu l-ewwel isem Murad, isem komuni hafna fil-Libja, iddahhal fil-habs fuq akkuzi konnessi mad-droga u li sussegwentement gie minnhom illiberat. Verament illi Erayani gab il-bocca qrib il-likk ghax fil-fatt Erayani rnexxielu jsarraf dak illi b'ingann investa fih.

"Illi jekk Erayani rnexxielu jsarraf il-qerq tieghu ghal htigijiet tieghu b'ingann ghall-gustizzja, m'ghandhiex fil-konfront ta' l-esponent, li hu innocenti, tigi pperpetwata l-ingustizzja li saret mieghu fil-guri. Inkella jkun qed jigri bhal ma gieli jigri fil-*football* meta *player* jitkecca mir-*referee* waqt il-loghba ghal xejn b'xejn ghax *player* tat-tim oppost ikun wettaq simulazzjoni u minn fuq il-*player* imkecci ghal xejn b'xejn jehel ukoll sospensjoni.

"Illi meta wiehed jifli bir-reqqa kollha l-provi kollha f'dan il-kaz u dan fid-dawl tar-regoli tal-ligi, wiehed ghandu certament jasal ghall-konkluzjoni illi l-prosekuzzjoni naqset li tipprova l-htija ta' l-esponent fil-grad li trid il-ligi u ghalhekk il-gurati ma kellhomx elementi bizzejjed biex setghu ragonevolment jaslu ghal konkluzjoni li jsibu hati lill-esponent, li hu innocenti, dwar l-akkuza li taghha nstab hati, u ghalhekk il-verdett ta' htija ta' 6 v 3 certament mhux wiehed li jista' jikkwalifika bhala wiehed li hu *safe and sound* [*recte: satisfactory*]."

Evidentement il-gurati, li kellhom il-vantagg li jaraw u jisimghu x-xhieda kollha, waslu ghall-konkluzjoni li ma jaghtux affidament lill-verzjoni ta' l-akkuzat.

Din il-Qorti ezaminat b'mod approfondit il-provi li tressqu quddiem l-ewwel Qorti, inkluzi t-traskrizzjonijiet kollha tax-xhieda u d-dokumenti esibiti, semghet ir-registrazzjoni tat-tapes tax-xiehda ta' l-appellant u ta' Omar Mohamed

Mehemud Erayani, ezaminat ukoll l-atti kollha tal-kumpilazzjoni, hasbet fit-tul fuq is-sottomissjonijiet tal-partijiet, u l-konkluzjonijiet taghha huma dawn li gejjin:

1. Il-gurati, wara deliberazzjoni dwar dak kollu li ngab a konoxxenza taghhom tul il-guri, wara ezami u kontro-ezami tax-xhieda, wara li kellhom l-opportunita` iqisu "l-imgieba, il-kondotta u l-karattru" tax-xhieda, u b'mod partikolari ta' l-appellant stess u ta' l-imsemmi Erayani, u "tal-fatt jekk ix-xiehda ghandhiex mis-sewwa jew hix konsistenti, u ta' fattizzi ohra tax-xiehda tieghu, u jekk ix-xiehda hix imsahha minn xiehda ohra, u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz" (artikolu 637 tal-Kap. 9), wara li semghu s-sottomissjonijiet tal-prosekuzzjoni u tad-difiza, u wara li gew ben indirizzati mill-Imhallef li ppresjeda l-guri – difatti ma kien hemm l-ebda lment jew aggravju dwar l-indirizz – ikkonkludew li l-appellant ma kienx hati ta' l-ewwel u t-tieni kapi ta' l-att ta' akkuza izda li kien hati tat-tielet kap.

2. Huwa minnu li hemm konflitti bejn dak li jghid l-appellant u dak li jghid Erayani, bhalma hu minnu li hemm xi inkonsistenzi bejn dak li qal Erayani fil-bidu lill-Pulizija u dak li xehed waqt il-guri. Izda, *"mhux kull konflitt fil-provi ghandu awtomatikament iwassal ghal-liberazzjoni tal-persuna akkuzata. Imma l-Qorti, f'kaz ta' konflitt fil-provi, trid tevalwa l-provi skond il-kriterji enuncjati fl-artikolu 637 tal-Kodici Kriminali u tasal ghall-konkluzjoni dwar lil min trid temmen u f'hiex ser temmnu jew ma temmnux."*[2] Inoltre fejn jezistu inkonsistenzi, ma jfissirx li l-Qorti jew, f'dan il-kaz, il-gurati, ma jistghux, permezz ta' kriterji ohrajn indikati fl-imsemmi artikolu 637 tal-Kap. 9, jaslu biex jemmnu verzjoni u mhux ohra.

3. Wara kollox anke l-appellant stess kien inkonsistenti fix-xiehda tieghu dwar il-mod kif jiehu hsieb il-bagalja tieghu, b'referenza ghal meta wasal Malta fis-17 ta' Settembru 2004 u gie arrestat. Difatti huwa jghid li kellu idu miksura *"imma l-bagalja tieghi fejni u tibqa' fejni u jiena nzomm illi qatt ma naghti xejn u ma nafda lil hadd Gharbi jew ikun min ikun"*. Izda ftit sekondi wara jghid li

[2] Appell Kriminali **Il-Pulizija vs Joseph Thorne** tad-9 ta' Lulju 2003.

meta hareg mid-Dwana, peress li ried isarraf xi flus, ra tnejn jew tlieta min-nies li kienu Gharab u talabhom ihalli l-bagalja tieghu hdejhom sakemm imur isarraf il-flus.[3] Aktar ‘il quddiem qal ukoll li kien anke intenzjonat johrog jinnegozja prezz ghat-taxi u ghalhekk heba l-bagalja ma’ dawk l-Gharab.[4]

4. Issa, ghal dak li jirrigwarda dak li sehh l-ajruport meta l-imsemmi Omar Mohamed Mehemud Erayani gie arrestat, m’hemm xejn li jista’ jitqies bhala in konflitt mal-verzjoni li twemmnet mill-gurati. Difatti kull ma jirrizulta hu li meta kellmuh tad-Dwana u l-Pulizija (ara xiehda ta’ W.P.S. 45 Marisa Bartolo[5]) peress illi meta ezaminawlu l-passaport sabu li kien mar it-Turkija u meta ppruvaw isaqsuh x’mar jaghmel it-Turkija beda jevita d-domandi, iddecidew li jaghmlulu tfittxija. Mix-xiehda ta’ l-ufficjali tad-Dwana John Azzopardi u John Bezzina mbaghad jirrizulta li meta sabu l-kapsoli li kien qieghed igorr l-imsemmi Erayani huwa ma ddikjara xejn maghhom u kull ma ghamel meta sabuhom kien li beda jhabbat rasu mal-hajt, jibki u nxtehet ma’ l-art.[6]

5. Mill-banda l-ohra meta Erayani gie interrogat mill-Ispettur Norbert Ciappara[7], huwa qal li l-kapsoli nghatawlu minn xi hadd li jismu Haled fl-ajruport ta’ Tripli li ltaqa’ mieghu ghall-ewwel darba l-ajruport. Qal li kif dan sar jaf li Erayani sejjer Malta, urieh il-kapsoli u talbu jehodhomlu Malta. Dak il-hin offrielu kafe` u kif urieh il-kapsoli dahal seher fuqu. Haled talbu jiblaghhom izda hu ma riedx u wara marru t-toilet u Haled ghamilhomlu ma’ saqajh. Haled qallu jmur il-lukanda Charlie u tigi persuna li kellha tghidlu x’jaghmel. Ma kienx jaf x’kien fihom il-kapsoli. Gie lura fis-sensi tieghu meta l-Pulizija sabu l-kapsoli u dak il-hin induna li kien hemm xi haga fil-kafe`. L-ahhar li kien gie Malta kien qaghad fil-lukanda Charlie. Haled ma offrilux flus biex igib il-kapsoli Malta.

---

3 Ara traskrizzjoni tax-xiehda ta’ l-appellant p. 4 u 5.
4 *Ibidem* p. 13.
5 Traskrizzjoni tax-xiehda p. 43 – 46.
6 Traskrizzjoni tax-xiehda p. 37 – 42.
7 Ara stqarrija a fol. 213 u 214 ta’ l-atti tal-kumpilazzjoni.

6. Ezatt wara l-prezentata tieghu quddiem il-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti Istruttorja fid-19 ta’ Dicembru 2003, Erayani talab lill-Qorti ttieh permess jerga’ jkellem lill-ufficjal prosekutur fil-kaz tieghu, l-Ispettur Norbert Ciappara. L-Ispettur Ciappara xehed li l-Qorti laqghet dik it-talba u meta Erayani kellmu qallu li d-droga kienu baghtuha mieghu certu Murad u certu Fausi.[8] Fid-19 jew fl-20 ta’ Settembru 2004 l-Ispettur Ciappara rcieva telefonata minghand l-awtoritajiet tal-Facilita` Korrettiva ta’ Kordin fejn infurmawh li Erayani xtaq ikellmu peress li l-persuna Murad li kien semma kien dahal il-habs dakinhar. Mill-atti tal-kumpilazzjoni fil-fatt jirrizulta li l-appellant tressaq il-Qorti fid-19 ta’ Settembru 2004 u ma nghatax helsien mill-arrest. L-Ispettur Ciappara kellem lil Erayani fl-4 ta’ Ottubru 2004, f’liema jum zdiedet l-akkuza odjerna fil-konfront ta’ l-appellant, xehed l-Ispettur Ciappara fl-atti ta’ l-Istruttorja u xehed ukoll Erayani. Erayani xehed li l-kapsoli li kienu jikkontjenu droga nghatawlu fid-dar ta’ certu Hussein fi Tripoli u fizikament ghaddihomlu l-appellant li identifika. Qal li nghata wkoll numru tat-telefon f’Malta li kellu jcempel meta jasal izda ma lehaqx cempel ghax gie arrestat. Kien gie mwieghed tlett elef dinari Libici ta’ din il-bicca xoghol. Il-kumpens kienu ppromettewhulu certu Muammar u certu Fausi.

7. Fix-xiehda tieghu waqt il-guri, Erayani ikkonferma mill-gdid din il-verzjoni, cioe` li fil-ftehim kien hemm involuti l-erba’ min-nies li huwa semma – l-appellant Murad, Fausi, Muammar u Hussein.

8. L-appellant jattakka l-kredibilita` ta’ Erayani kemm minhabba li biddel il-verzjoni li kien ta lill-Pulizija kif ukoll peress illi meta xehed waqt il-guri sahansitra qal li qatt ma semma lil certu Haled jew Khaled lill-Pulizija. Fil-fehma ta’ din il-Qorti, l-ewwel verzjoni li Erayani ta fl-istqarrija tieghu lill-Pulizija m’ghandhiex mis-sewwa fis-sens li mhuwiex verosimili li konsenja ta’ droga tigi fdata f’idejn persuna mhix maghrufa ghat-traffikant li dan jippikkja l-ajruport u li l-*courier* jaccetta li jgorr dik id-droga minghajr ebda kumpens ta’ xejn. Barra minn hekk kulhadd ghandu dritt

[8] Ara traskrizzjoni tax-xiehda ta’ l-Ispettur Norbert Ciappara p. 29 – 39.

ikollu ripensament u jiddeciedi li jghid il-verita`. U huwa car li l-gurati emmnu li Erayani, forsi anke wara li kellu l-opportunita` jitkellem ma' l-avukat tieghu u fehem li seta' jibbenefika skond il-ligi jekk jghin lill-Pulizija biex jaqbdu lil min kien fornielu d-droga, kien iddecieda li jghid il-verita`.

9. L-appellant jattakka l-kredibilita` ta' Erayani wkoll ghax dan jghid li lill-appellant jafu bhala Murad il-Gifri jew il-Geoffrey meta jirrizulta mix-xiehda ta' Magdi El Kayal li jghix fl-istess rahal ta' l-appellant li l-appellant hu maghruf bhala Murad Erhuma. Dan pero` ma jnaqqasx necessarjament mill-kredibilita` ta' Erayani peress illi l-istess persuna tista' tkun maghrufa b'isem jew laqam differenti minn gruppi differenti ta' nies.

10. L-appellant jikkummenta dwar il-fatt li Erayani kellu biss Lm20 fuqu meta wasal Malta u li jekk kien ser jithallas Malta jfisser li d-droga kienet tieghu. Izda mhuwiex inverosimili li persuna tithallas wara li tkun ghamlet il-konsenja sabiex b'hekk ikun assigurat li l-konsenja ssir.

11. L-appellant, kuntrarjament ghal dak li jghid Erayani li kienu saru jafu 'l xulxin Malta, xehed waqt il-guri li lil Erayani sar jafu l-Libja l-Universita` (mhux ghax kienu jattendu l-Universita` izda ghax huwa l-post fejn, skond l-appellant, ikollhom l-opportunita` "jittantaw" lit-tfajliet). L-appellant jghid li t-tfajla li kellu Erayani spiccat mieghu (ma' l-appellant) u minn dakinhar gew fl-idejn u kull darba jiggieldu. Dan kollu pero` gie michud kategorikament minn Erayani f'konfront li sar ma' l-appellant : *"Ghal darb'ohra niehu l-gurament li dan huwa kollu gideb u [Inez Ibrahim] ma tezistix u nhalli f'idejn il-Mulej."*

12. Dawn l-osservazzjonijiet iwasslu ghal numru ta' mistoqsijiet li certament ghamlu lilhom infushom il-gurati. Jekk, kif l-appellant jippretendi, dak li qieghed jaghmel Erayani hija forma ta' vendetta ghax ha t-tfajla ta' Erayani, ghalfejn Erayani semma lit-tlieta min-nies l-ohra wkoll? Kieku verament ried jivvendika ruhu mill-appellant, ghaliex ma semmiex lilu biss? Bhalma wara kollox fil-bidu nett fl-istqarrija tieghu semma isem wiehed? Erayani zgur ma

setax ikun jaf li l-appellant ser jigi Malta u ser jispicca fil-Facilita` Korrettiva ta' Kordin; allura x'sens jaghmel li jsemmieh jekk ma kellux x'jaqsam mal-kaz?

13. Fid-dawl ta' dawn l-interrogattivi u ta' l-osservazzjonijiet l-ohra maghmula, huwa evidenti li l-gurati – li kienu f'pozizzjoni li jaraw il-komportament tax-xhieda, anke waqt konfront li sar bejn l-appellant u l-imsemmi Erayani, setghu ma jemmnux il-verzjoni li l-appellant ta waqt il-guri ghax kienu perfettament intitolati li jemmnu x-xiehda ta' Erayani.

14. Jigifieri s-sitwazzjoni ma kkristallizzatx ruhha b'mod illi fuq bazi ta' probabbilita` il-gurati kellhom ragjonevolment jaslu ghall-konkluzjoni li kien jissussisti d-dubju ragjonevoli fit-tezi tal-prosekuzzjoni. Dana partikolarment ghaliex m'hemm xejn x'jindika li l-gurati ma setghux ragjonevolment hlief jaslu biex jemmnu dak li xehed l-appellant waqt il-guri.

Ghaldaqstant l-ewwel aggravju qieghed jigi respint.

It-tieni aggravju jirrigwarda l-piena nflitta. L-appellant jilmenta li meta wiehed jikkonsidra l-partecipazzjoni tieghu skond Erayani u cioe` li biss fizikament ikkonsenjalu d-droga, tenut kont ta' l-ammont ta' droga nvoluta u l-purita` taghha, il-piena nflitta hi wahda iebsa ferm.

Issa, in materja ta' piena l-principju regolatur huwa li din il-Qorti mhux normali li tiddisturba d-diskrezzjoni ta' l-ewwel Qorti fl-ghoti tal-piena sakemm din ma tkunx tohrog barra mil-limiti stipulati fil-ligi u ma jkun hemm xejn x'jindika li kellha tkun inqas minn dik li tkun fil-fatt inghatat[9].

Fil-kaz in ezami l-piena preskritta mil-ligi hi dik ta' prigunerija ghall-ghomor b'dan illi skond il-proviso ta' l-artikolu 22(2)(a)(i)(aa)(bb) tal-Kap.101, meta l-Qorti tkun tal-fehma li meta tqis l-eta` tal-hati, il-kondotta ta' qabel

[9] Ara, fost ohrajn, Appelli Kriminali: **Il-Pulizija vs Nikola Farrugia et**, 2 ta' Ottubru 2002; **Il-Pulizija vs Maurizio Massimiliano**, 13 ta' Novembru 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta vs David Vella**, 14 ta' Gunju 1999; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Eleno sive Lino Bezzina**, 24 ta' April 2003.

tal-hati, il-kwantita` tal-medicina u x-xorta u l-kwantita` tat-taghmir jew materjal, jekk ikun il-kaz, involuti fir-reat u c-cirkostanzi l-ohra kollha tar-reat, jew meta l-verdett tal-guri ma jkunx unanimu, il-piena ta' prigunerija ghall-ghomor ma tkunx dik xierqa, f'kazijiet bhal dawn il-Qorti tista' tikkundanna lill-persuna misjuba hatja ghall-prigunerija ghal zmien ta' mhux inqas minn erba' snin izda mhux izjed minn tletin sena u multa ta' mhux inqas minn elfejn, tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (€2329.37c) ekwivalenti ghal elf lira Maltin, izda mhux izjed minn mija u sittax-il elf, erba' mija u tmienja u sittin euro u sebgha u sittin centezmu (€116,468.67c) ekwivalenti ghal hamsin elf lira Maltin.
Jigifieri l-piena nflitta mill-ewwel Qorti taqa' fil-parametri tal-ligi u, meta paragunata mal-piena nflitta fuq l-imsemmi Erayani li bbenefika mill-provvedimenti ta' l-artikolu 29 tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, ghandha titqies bhala wahda gusta. *Multo magis* meta jitqies li l-ewwel Qorti kkunsidrat wkoll il-kwantita` tad-droga u l-purita` taghha – kif isemmi l-appellant fir-rikors ta' appell teghu.

Ghalhekk anke t-tieni aggravju qieghed jigi respint.

It-tielet aggravju jirrigwarda l-kundanna ghall-hlas ta' l-ispejjez tal-perizji. L-appellant josserva li dawn l-ispejjez jidher li jinkludu t-tliet kapi ta' l-att ta' akkuza, inkluzi dawk li gie lliberat minnhom. Inoltre jidher li l-ispejjez saru b'konnessjoni ma' akkuzati ohra li probabbilment diga` gew ikkundannati u hallsuhom. Barra minn hekk l-appellant m'ghandux ihallas spejjez tar-rapport ta' l-Ispizjar Mario Mifsud tal-25 ta Jannar 2007 peress li dan ir-rapport m'ghandu l-ebda bazi fil-ligi.

Din il-Qorti taqbel li l-appellant m'ghandux ibati spejjez dwar perizji li saru in konnessjoni ma' l-ewwel zewg kapi ta' l-att ta' akkuza peress illi gie lliberat minnhom. Kwantu ghall-perizji relatati mat-tielet kap ta' l-att ta' akkuza u li dwaru din il-Qorti qed tikkonferma l-verdett tal-gurati u kundanna ta' l-ewwel Qorti, jirrizulta mis-sentenza li nghatat mill-Qorti Kriminali fil-konfront ta' l-imsemmi Omar Mohamed Mehemud Erayani fis-6 ta' Marzu 2006 li l-istess Erayani gie kkundannat ihallas is-somma ta' mija u

zewg liri Maltin u tletin centezmu (Lm102.30) rapprezentanti l-ispejjez tal-perizji inkorsi fil-process tieghu, jigifieri l-ispejjez li jirrigwardaw r-rapport tas-*scene of crime officers* P.S. 239 Joseph Caruana u P.S. 1184 Patrick Grech u r-rapport ta’ l-Ispizjar Mario Mifsud ta’ l-24 ta’ Dicembru 2003 – liema rapporti kienu relevanti ghall-process kontra l-appellant. Ghaldaqstant l-appellant ma jistax jerga’ jigi kkundannat ihallas dawn l-istess spejjez.

Ir-rapport ta’ l-Ispizjar Mario Mifsud tal-25 ta’ Jannar 2007 sar in segwitu ghal digriet tal-21 ta’ Dicembru 2006 mill-Qorti Istruttorja waqt il-kumpilazzjoni tal-provi fil-konfront ta’ l-appellant. Ghalhekk l-appellant m’ghandux ragun meta jghid li r-rapport m’ghandu l-ebda bazi fil-ligi. Pero`, stante li r-rapport jaghti stima kemm ta’ l-eroina (rilevanti ghat-tielet kap) u tar-raza (b’referenza ghall-ewwel u t-tieni kapi), l-ispejjez iridu jigu apporzjonati – nofs is-somma ta’ Lm96.17, cioe` Lm48.08 ekwivalenti ghal €112.

Ghal dawn il-motivi :

Tiddeciedi billi tirriforma s-sentenza appellata, tirrevokaha in kwantu kkundannat lill-appellant ihallas is-somma ta’ elf, mitejn u tnejn u sittin euro u erbgha u ghoxrin centezmi (€1262.24), import tal-ispejjez tal-perizji nkorsi tul il-process ta’ l-appellant u minflok, a tenur ta’ l-artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, tikkundannah ihallas is-somma ta’ mija u tnax-il euro (€112) spejjez peritali kif inghad, u tikkonferma s-sentenza appellata fil-bqija b’dan li l-perijodu li fih l-Avukat Generali ghandu jinforma lil din il-Qorti jekk ghandux bzonn li d-droga tigi preservata ghal skop ta’ proceduri ohra jibda jiddekorri millum.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------